MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 190/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Angelo Scuderi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tat-15.00 hrs, f'Malta International Airport, l/o Gudja :**
**1) saq l-imsemmija vettura nru. AVY-012 (Garage Hire) minghajr ma kellu fil-pussess tieghu jew libes tag tal-identita' mahruga mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta;**
**2) saq l-imsemmija vettura nru. AVY-012 (Garage Hire) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta taht dik il-kategorija specifikata**

**ghall-imsemmija vettura u/jew saq l-imsemmija vettura meta ma kienx awtorizzat biex jaghmel hekk mid-Direttorat tat-Trasport Pubbliku;**
**3) b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(3), tal-Kapitolu 65, L.N. 191/02, l-Artikolu 3 tal-kap. 104, l-Artikolu 131 MVR, l-Artikolu 29 L.N. 191/02, filwaqt li ddikjarat l-ewwel akkuza preskritta, sabet lill-imputat hati tat-tieni w tat-tielet akkuza w ikkundannatu ghall-multa ta' elf lira Maltin (LM1000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-imputat mhux hati w cioe' fl-akkuza (a), thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati w cioe' fl-akkuzi (b) u (c) u kwindi tilliberah mill-imputazzjonijiet, htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- li referibbilment ghat-tieni akkuza, l-licenzja li ghandu bhala cittadin Taljan tkopri s-sewqan tal-vettura in kwistjoni w kienet tintitolah li jsuq vettura bhal AVY-012 fl-Italja stess. Li hu kien kopert b' polza t' assikurazzjoni anki jekk ghal grazzja tal-argument il-licenzja li kellu dak in-nhar ma kienetx wahda li tkopri s-sewqan tal-vettura in kwistjoni. Skond l-Artikolu 10 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, f' kaz t' incident l-assikuratur hu obbligat li jesegwixxi l-hlas li ghalih tkun giet kundannata l-persuna assigurata kontra r-risjki ta' terzi persuni. Tant hu hekk li l-akkuza ma hix wahda limitata ghall-validita' ta' assikurazzjoni izda hija wahda marbuta mar-riskji tat-terzi persuni.**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-verbal tad-29 ta' Settembru, 2005 li bih Dr. Chris Cardona ghall-appellant iddikjara, wara li saru l-verifiki appoziti, li l-licenzja Taljana ma kienetx tkopri l-vettura li kien qed isuq l-appellant .**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi** Brian Farrugia **, addett tal-Licencing and Testing Department xehed li l-appellant fid-data imsemmija fic-citazzjoni ma kellux licenzja biex isuq il-Van Transit in kwistjoni, ghalkemm illum hu jippossjedi licenzja biex isuq vetturi ta' Grupp A – muturi ; Grupp B – vetturi ta' taht is-7 tunnellati u li ma jesghux aktar minn 7 passiggieri u Grupp D- mini buses , coaches, eccetera.**

Id-Dipartiment ghandu record li l-licenzja ta' Grupp A u B biss giet "*exchanged with Italian Driving Licence"* u din ma kienetx tintitola lill-appellant li jsuq il-vettura li kien qed isuq dak in-nhar.

Ikkonsidrat;

Illi d-depozizzjoni ta' Brian Farrugia ma thalli ebda dubju dwar il-htija tal-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ta' sewqan bla licenzja. L-appellant moghti zmien biex jivverifika jekk il-licenzja Taljana kienet tkoprieh, wara li ghamel il-verifika necessarja, ddikjara li ma kienetx. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu infondat u qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju w cioe' li l-karenza tal-licenzja tas-sewqan ma timplikax necessarjament il-htija taht it-tielet imputazzjoni, jirrizulta li fil-fatt il-van Transit AVY-012 li kien isuq l-appellant kien kopert b' assikurazzjoni mall-Victoria Insurance Agency Ltd. ghall-periodu bejn l-1 ta'

Frar, 2004 sal-31 ta' Jannar, 2005 (fol. 3) Kwindi fid-data in kwistjoni kien hemm assikurazzjoni.

Illi l-appellant silet argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap.104 li jghid testwalment hekk ;-

*"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta' taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta' koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f' dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ihallas lil-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull soma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta' fuq imsemmija …."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.

Illi minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-risjki ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.

Issa fl-istat tal-provi kif inhu, l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova, bhal nghidu ahna da parti tad-ditta

assikuratrici, li kien hemm xi wahda jew aktar mir-cirkostanzi li jezentaw lill-assikuratur milli jhallas. Ghalhekk ladarba hemm l-obbligu generali tal-assikuratur li jhallas kull fejn tkun inharget polza w ma giex pruvat li tezisti xi wahda mill-eccezzjonijiet ghal din l-obbligazzjoni, jidher li ma rrizultatax pruvata it-tielet imputazzjoni. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w fil-waqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta w fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni ta’ sewqan bla licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni ta’ sewqan bla ma kien kopert b’ polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji ta’ terzi persuni  w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-multa ta’ elf lira Maltin (LM1000) u minnflok ma ssibux hati ta’ din l-imputazzjoni w minnha tilliberah u konsegwentement tikkundannah biss  ghall-multa ta’ mitt lira Maltin (LM100) fuq it-tieni imputazzjoni .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------